Hekk ix-xogħol li ġie ppreżentat bħala sempliċi xewqa fl-1924 u li għadda minn tant ġrajjiet ta' niket, biki u sagrifiċċji ntemm. Jonqos biss li tiġi mxandra d-data meta rappreżentant ieħor tal-Qdusija Tiegħu l-Papa jmur Nazzarett biex jikkonsagra 'l Alla din il-Bażilka famuża u jiddedikaha lil wieħed mill-aqwa misteri tar-Reliġjon tagħna: IL-MISTERU TAL-LUNZJATA. J'alla ma jdumx ma jasal dak il-jum biex hekk il-pellegrini li jmorru Nazzarett biex iżuru l-għar tal-Madonna, isaħħu l-fidi f'dan il-misteru u jibqgħu edifikati bix-xogħol kbir li qegħdin jagħmlu l-Franġiskani ġewwa l-Art Imqaddsa.

P. Lett MIKIEL CATANIA, O.F.M.

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

2. *Il-profeta Elija u alla tal-frugħa Baal.*

Ulied Israel, kif kien amrilhom is-sultan Akab, inġemgħu fuq l-għolja tal-Karmelu, u magħhom marru wkoll erba' mija u ħamsin qassis ta' Baal u erba' mija oħra ta' l-allat tal-frugħa; u kif rahom miġburin quddiemu, Elija beda jċanfarhom u jgħidilhom:

"Kemm fi ħsiebkom tibqgħu u la 'l hawn u anqas 'l hinn? Jekk il-Mulej hu tassew Alla, imxu biss warajh; imma, jekk temmnu f'Baal, żommu miegħu. Fostkom ilkoll, jien waħdi hu l-profeta tal-Mulej waqt li l-qassisin ta' Baal, jintgħaddu bil-mijiet. Nagħżlu issa żewġt igniedes, noqtluhom, u intkom qiegħdu fuq il-ħatab bla ma tqabbdu in-nar, u jien inqiegħed l-ieħor fuq il-ħatab, bla ma nkebbes in-nar; u intkom titolbu 'l Alla tagħkom iniżżel nar mis-sema fuq il-ħatab, u jien nitlob 'l Alla tiegħi jniżżel in-nar mis-sema, u dak fosthom li jibgħat in-nar, dak hu tassew Alla". U din għoġbot lil kulħadd.

U l-Qassisin ta' Baal qabdu l-gendus li tahom il-profeta Elija, u fil-ħin qatluh u xeħtuh fuq tagħmira ħatab bla ma qabbdu n-nar, u baqgħu, sa x-xemx għoliet, isallu dejjem: "Iddew, Baal, iddew ismagħna!" Iżda, ħadd ma weġibhom, u qatgħu jesħom u qabżu fuq dak l-artal, kif kienet id-drawwa tagħhom. Fil-waqt Elija qagħad jiddieħak bihom u jtennilhom: "Għajtu aktar bil-qawwi, għandu mnejn dan alla tagħkom qiegħed jitħadded, jew qiegħed jixrob, jew imsiefer, jew rieqed!" Issa billi? Inħanqu bl-għajjat u tbiċċru bix-xfafar tas-skieken u mtlew biddmija, imma l-allat tagħhom ma semgħux leħenhom, u ebda aħbar ma waslitilhom mis-sema.

Wasal imbagħad ħin il-profeta Elija biex Alla jurih li laqa' l-bħur tiegħu, u l-profeta qal lil dik il-miġemgħa nies li kellu quddiemu: "Isaw, ersqu 'l hawn, biex issa taraw b'għajnejkom u tmissu b'idejkom is-setgħa ta' dak Alla li għandkom tqimu". U Elija ġarr tnax-il ġebla, daqs kemm kienu l-ġnus ta' ulied dak Ġakobb, li Alla kien kellmu, u qallu: "Ismek ikun Israeli". B'dawk it-tnax-il ġebla, Elija fl-isem t'Alla

raġa' waqqaf artal, ħaffer ħanek ma' dwaru, firex fuqu l-ħatab, u debaħ il-gendus, u qattgħu u saqqfu fuq il-ħatab. Wara dan, qabbadhom jimlewlu erba' qolol ilma, iferrgħuhom fuq laħam il-gendus u l-ħatab, u riedhom għat-tieni u għat-tielet darba jerġgħu jferrgħu l-ilma, sa mtliet il-ħofra ta' ma' dwar l-artal. U hawn Elija, jerfa' għajnejh lejn is-sema, u jgħid: "Issa inti, Mulej,Alla ta' Abram, ta' Iżaak u ta' Israeli, uri seteghtek, ħalli kulħadd jifimha, li Inti biss Alla ta' Israel, u jien il-qaddej tiegħek, u kull ma għamilt għamiltu biex noqgħod għal dak li Inti ridt minni. Ismagħni, Mulej, ismagħni, ħalli dawn in-nies idaħħluha f'moħħhom li Inti biss Alla, u li Inti erġajt irbaħt qalbhom". U hawn dlonk niżel in-nar mis-sema, ħaraq il-gendus, u l-ħatab, u l-ġebel, u t-trab, u nixxef l-ilma tal-ħofra ta' ma' dwar.

U dik il-miġemgħa ta' nies, kemm tara b'għajnejk, inxteħtu b'wiċċhom fl-art, igħajtu: "Alla ta' Elija hu l-Mulej, u ħadd għajru!" Fuq hekk Elija ġagħalhom jaħbtu għal dawk il-Qassisin ta' Baal u ta' l-allat tal-frugħa l-oħrajn, u joqtluhom, u ma jħallux ebda wieħed minnhom ħaj; u n-nies karkruhom sax-xatt ix-xmara Qison, u hemm qerduhom sa l-anqas wieħed.

Imbagħad Elija baqa' tiela' sal-quċċata tal-għolja tal-Karmelu, u hemm fuq, inxteħet fl-art b'wiċċu bejn irkobbtejh jitlob f'ġabra kbira. U f'xi ħin, bagħad il-qaddej tiegħu jgħarrex in-naħa tal-baħar jara jil-maħx xi ħaġa; u x'ħin qallu li ma ra xejn, raġa' bagħtu sitt darbiet oħra u mas-seba' darba wieġbu li lemaħ nitfa ta' sħaba tielgħa mill-baħar. Fuq hekk, Elija bagħtu jwiddeb lis-sultan Akaab li bilġri jitlaq lejn il-ġnien li kellu fir-raħal ta' Ġiżra, qabel ma tilħqu x-xita. Akaab rikeb u telaq bla telf ta' żmien. U fil-ħin, is-sema swied u nkesa bis-sħab, u r-riħ venven, u x-xita niżlet bil-qliel fuq l-art.

U Ġiżabela, mart Akaab, kif żewġha semmielha fuq dak li għadda minn għalihom il-Qassisin ta' Baal, siblet hekk għal Elija, li ħalfet ħalfa li tneħħilu ħajtu. Kif waslitlu din ix-xiegħa, daqs kemm baża' Elija telaq jiġri għal għonq it-triq, u sab ruħu f'xagħri, u hemm nxteħet bil-qiegħda fl-art u talab 'l Alla jiġbru miegħu. U mtedd għad-dell tas-siġar tax-xatar, u raqad. Imbagħad, ħass min itaptaplu, u stembaħ, u ħares ma' dwaru, u jsib ma' ġenbu ħobża u żir ilma u l-profeta trejjaq, u xorob, u reġgħet għajnu marret bih. Iżda, l-Anġlu t'Alla ħarrku mill-ġdid, u qallu: "Isa, qum u kul, għax baqalek x'timxi biċċa sewwa". U Elija qam u kiel u xorob; u mwettaq b'dan l-ikel, mexa erbgħin jum u erbgħin lejl, sa ma wasal qrib l-għolja tal-Horeb, u nġabar f'għar mnejn imbagħad Alla reġa' semmagħlu leħnu u riedu jasal sa Damasku.

8. *Ġnien id-dwieli ta' Nabot.*

Kien hemm raġel jismu Nabot fir-raħal ta' Ġiżra, li kellu qasam bid-dwieli jmiss mal-ġnien tas-sultan Akaab. Issa dan is-sultan fettillu jrid jixtri dan il-qasam biex jinfdu ma' ġnienu, u talab lil dan Nabot biex ibegħhulu jew ibiddilulu ma' ieħor wisq isbaħ minn tiegħu. Imma sid il-qasam ma riedx jisma' b'dan il-bejgħ jew bdil; u s-sultan għamel il-buri, ingabar id-dar, u nxteħet fuq il-friex wiċċu mal-ħajt, u la ried jiekol u l-anqas jixrob.

Martu Ġiżabela marret iżżiegħel bih u tfissdu, u trid taf x'inqalagħlu. X'ħin żewġha stqarrilha fuq li Nabot ma riedx ineħħi l-qasam li kien wiret minn niesu: "għal daqs hekk tiddejjaqx," qaltlu Ġiżabela; "ħalli f'idejja, ntik kelma li l-qasam jaqa' taħt idejk!" U x'marret għamlet dik il-ħalja? Kitbet f'isem is-sultan lix-xjuħ u lill-imħalfin, u riditħom iħarrku quddiemhom lill-imsejken Nabot, u jxaħħmu tnejn min-nies biex jixdulhom li Nabot ħalef b'Alla u bis-sultan, biex imbagħad joħorġuh barra r-raħal u jħaġġruh. U dawk għamlu li riedet minnhom Ġeżabela, u bagħtu jgħidulha li Nabot ħaġġruh u miet. U Akaab telaq biex jieħu taħt idejh il-qasam ta' Nabot u jaqta' xewqtu.

U leħen Alla wasal f'widnejn Elija biex imur għand Akaab u jwiddbu fuq li ser jiġrilu għalli għamel lil Nabot. U l-profeta mar quddiem is-sultan Akaab u qallu: "Dan jibgħat jgħidlek il-Mulej, Alla tiegħi. li fejn il-klieb lagħqu demm Nabot, hemm ukoll il-klieb jilagħqu demmek. U jiġi wkoll żmien meta l-klieb għad jieklu ġisem Ġiżabela fir-raba' ta' Ġiżrahal.

It-tielet sena fuq dawn il-ġrajja, Akaab issieħeb ma' Jewwasef jew Ġosafat, sultan tal-Lhudija, biex flimkien joħduha man-nies tas-Sorija. Waqt it-taqbida, Akaab laqtitu vleġġa, nifditlu qalbu u miet ma' nżul ix-xemx; u demmu xtered ma' l-art, u difnuh f'Xamarija. U niesu ħaslu bl-ilma ta' l-għadira ta' dawk l-inħawi l-mirkeb iħammar b'demm is-sultan Akaab, u l-klieb lagħqu demmu, kif żmien qabel kien nebbħu l-profeta Elija.

U għadda żmien bi żmien, u Gehu bin Jewwasef laħaq sultan; u dan, wara li qatel lil-Garam, bin Akaab, x'ħin lemaħ lil martu Ġeżabela tixref minn ħoġor it-tieqa tad-dar, b'dawk għajnejha ta' seqer titlob ħniena, bagħat lill-qaddejja tagħha joqtluha, u dawn waddbuha rasha 'l isfel fil-għalqa tad-dwieli ta' Nabot. U demmha raxx fuq ħajt id-dar, u hi stabtet ma' l-art u ż-żwiemel ta' Gehu għaddew bin-ngħal minn fuq ġisimha. U meta n-nies tas-sultan Gehu resqu l-għada hemmhekk biex jidfnu l-mejtin, ma sabux għajr rasha, u saqajha u idejha. U Gehu, x'ħin sama' b'dan, qal: "Seħħet mela kelmet il-Mulej meta b'fomm il-qaddej tiegħu Elija ħabbar lil Akaab li għad jgħaddi minn għala martu Ġiżabela: Li l-klieb iqattgħu bi snienhom u jieklu ġisimha".

A.M.

### BIEX JIKKURA GĦAJNEJH

— Pawl, għax tixrob hekk, li qisek wieħed fis-sakra? Imissek tistħi taf!

— Lè, ħabib, jinħtieġli nixrob, għax billi jiena għama minn waħda, infittex li nara d-doppju mill-oħra.

### BIŻŻEJJED TAĦSEB F'ĦAĠ'OĦRA

— Hudu, ibni qalbi, toqgħodx taħseb li hu żejt ir-riġnu. Aħseb biss li hu Marsala, u ibilgħu. B'hekk żgur li mat-tegħmux!

— Sewwa, Mamà, mela agħtini l-Marsala u jiena nibilagħha bħal li kieku żejt ir-riġnu.